**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Cassar

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et. ne.

**Appalt — Danni**

*Jekk il-Gvern jagħti appalt lil persuna u mbgħad iwaqqafha mill-appalt u jkompli x-xogħol hu, u l-perit ġudizzjarju jkun issottometta illi l-flus żejda li ħallas il-Gvern biex kompla dak ix-xogħol kienu konsegwenza diretta tal-aġir tal-Gvern, li, preżumibbilment fuq il-presuppost li jiġri x'jiġri kien l-appaltatur li ser iħallas id-danni, u hekk nesa d-dmir tiegħu li ma joħloqx hu stess danni, u li jżomm id-danni fil-limiti minimi tagħhom, għax il-Gvern kellu l-mezzi u ż-żmien disponibbli biex mingħajr diffikultajiet isib appaltatur li jieħu l-appalt tax-xogħol li kellu jagħmel l-appaltatur bi prezzijiet mhux aktar onerużi minn dawk tal-istess appaltatur, l-appaltatur ma jistgħax jopponi t-talba tal-Gvern li jiġi nominat perit biex jirrelata jekk in-nefqa li għamel il-Gvern wara li ġie mwaqqaf l-appaltatur kienetx ġusta jew le.*

*Jekk il-Gvern, skond il-kuntratt tal-appalt, kellu s-setgħa li jħoll il-kuntratt u jkompli x-xogħol hu mingħajr ma jadixxi t-tribunali, l-aġir tiegħu jibqa' dejjem sindakabbli għal dak li hu l-moderazzjoni tal-spejjeż inkorsi; jekk mbgħad il-Gvern ma kellux dik is-setgħa li jagħmel l-ispiża in kwistjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, il-konklużjoni tibqa' dejjem li hu jkun jsta' jieħu lura biss dik l-ispiża jekk din ma tkunx eċċessiva.*

Il-Qorti:— Rat il-verbal tat-28 ta' April 1958 (fol. 86 tergo), fejn il-konvenuti talbu li jiġi nominat perit biex jirrelata jekk in-nefqa li għamel il-Gvern, i.e. wara li l-attur ġie mwaqqaf mix-xogħol, hijiex ġusta jew le, u fejn l-attur oppona ruħu għar-raġunijiet sottomessi fit-trattazzjoni orali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-periti ġudizzjarji, fl-imsemmija relazzjoni tagħhom, issottomettew illi "il-flus żejda li ħallas il-Gvern huma konsegwenza diretta tal-aġir tal-Gvern, li, preżumibbilment fuq il-presuppost li jiġri x'jiġri kien l-attur li ser iħallas id-danni, nesa d-dmir tiegħu li ma joħloqx hu stess danni, u li jżomm id-danni fil-limiti minimi tagħhom; il-Gvern kellu l-mezzi u ż-żmien disponibbli biex mingħajr diffikultajiet isib appaltatur li jieħu l-appalt tax-xogħol li kellu jagħmel l-attur bi prezzijiet mhux aktar onerużi minn dawk tal-attur;

Illi l-attur fid-dibattitu orali, issottometta, fost ħwejjeġ oħra, li l-klawsola 19 tal-kuntratt (fol. 18) ma tawtorizzax lill-Gvern jipproċedi, kif għamel, mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti. Il-konvenuti opponew ruħhom għal din l-interpretazzjoni;

Illi, mingħajr preġudizzju ta' kif għandha tiġi nterpretata dik il-klawsola, xieraq li jiġu eżaminati ż-żewġ ipotesi konfliġġenti prospettati mill-partijiet. Fil-każ li l-Gvern kellu s-setgħa li ma jadixxix it-tribunali, l-aġir tiegħu jibqa' dejjem sindakabbli għal dak li hu l-moderazzjoni

tal-ispejjeż inkorsi. F'dan ir-rigward, il-Giorgi, wara li jikkonkludi illi "è massima prevalente di dottrina non essere necessaria l'autorizzazzione", ikompli jgħid:— "Noi accettiamo senza senza difficoltà questa massima, purchè per altro venga temperata da una restrizione, ed è che il debitore non potrà essere costretto a sopportare le spese incontrate dal creditore nel fare o nel disfare di suo arbitrio, se il giudice le ravvisi eccessive, sia per fatto del creditore, sia per circostanze indipendenti dal fatto del creditore medesimo" (Obbligaz. II, §105). U dan l-insenjament ġie wkoll adottat mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Spiteri vs. Laiviera", deċiża fil-25 ta' Mejju 1950 (Kollez. XXXIV-III-809). Jekk, mbgħad, il-Gvern ma setgħax jagħmel l-ispiża in kwistjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni preventiva tal-Qorti, il-konklużjoni tibqa' dejjem li hu jkun jista' jieħu lura biss dik l-ispiża jekk din ma tkunx eċċessiva (Kollez. XXXIV-II-545; u III-809);

Għal dawn il-motivi, u mingħajr preġudizzju tal-meritu nvolut fil-kawża;

Tilqa' t-talba tal-konvenuti nomine, billi tqabbad bħal perit tekniku, f'lok il-Professur Victor R. Galea, imsiefer għal żmien twil, a spejjeż provviżorjament tal-istess konvenuti, l-I.Ċ.A. Professur John L. Gatt, biex jirrelata jekk taħt iċ-ċirkustanzi l-ispiża nkorsa mill-konvenuti biex ji kompla x-xogħol wara li l-attur ġie mwaqqaf mill-appalt hijiex eċċessiva jew le, u f'każ affermattiv jistabbilixxi da l-eċċess, u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra kollha li għar dhom x'jaqsmu mal-każ. Dan il-perit, flimkien mal-peri legali, ikollu l-istess fakoltajiet, drittijiet u obligi speċifika fid-digriet tat-30 ta' Ottubru 1954, u għandu jippreżent r-relazzjoni tiegħu fid-19 ta' Gunju 1958; għal liema ġu nata qegħdha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż riżervati.